# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can.

## Rikors Nru.: 220/15 CSH

## HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)

## Vs

## Mark Anthony Barbara detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4675M

## Illum 9 ta' Marzu, 2016.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Lulju, 2015. Is-socjeta' attrici esponiet bir-rispett u l-Avukat Sylvana Zammit Demicoli ghan-nom u in rappreżentanza tal-istess socjeta' bil-gurament taghha tikkonferma:

"Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 3014/2009 (Dok HSBC1)ipprezentata fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Mejju, 2009, debitament notifikata lill-intimat Mark Anthony Barbara u giet reza ezegwibbli skond l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta fit-3 ta' Settembru 2009, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat Mark Anthony Barbara fis-somma globali ta' ghaxart elef mija w tlieta w sebgha w tletin Ewro w sebgha w sebghin centezmu (€10,137.77) oltre imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mill-20 ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez skond l-istess ittra ufficjali;

Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimat baqa' debitur tas-socjeta' rikorrenti u ghaddew izjed minn tlett snin mid-data li fiha l-istess ittra ufficjali giet reza titolu esekuttiv u s-socjeta' rikorrenti qeghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimat Mark Anthony Barbara ghall-bilanc li ghadu minnha dovut;

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu nu dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kiap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ghandu '*jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn…li jkun l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut'*".

Rat illi l-intimat kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Marco Bonnici datata l-1 ta' Frar 2016 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-

socjeta' attrici, mal-Ghassa tal-Pulizija w Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien (fol. 14 tergo).

Rat ukoll illi saret il-pubblikazzjoni tar-rikors u l-avviz tas-smiegh fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 2016 a fol. 19 et seq. u fil-gazzetta lokali The Malta Independent tas-26 ta' Frar, 2016 a fol. 18.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 l-intimat gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tawtorizza lill-istess socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu esekuttiv fuq imsemmi ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**

*Illum 9 ta' Marzu, 2016.*

*Mag. Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.*